MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2014

Numru. 542/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Abdinasir Noor Kinaan**

**Kumpilazzjoni Nru: 542/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Abdinasir Noor Kinaan, ta' 17 –il sena, iben Abdinasir u Hather, imwieled Somalia, fil-15 ta' Awwissu, 1996 u residenti gewwa ic-Centru Miftuh ta' Hal Far u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 82501(A).

Akkuzat talli nhar it-30 ta' Mejju, 2014 ghall-habta tal-05:30hrs f'San Giljan u fil-vicinanzi :-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mohamed F.Mohamed Busharia u Fathi A Bel Ali Yousef.
2. Talli bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt sabiex jaghmel ferita gravissima fuq il-persuna ta' Mohamed F. Mohamed Busharia u Fathi A Ben Ali Yousef, liema deltit ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-hati.
3. Talli fi glieda accidentali, ha parti attiva meta wettaq griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mohamed F.Mohamed Busharia u Fathi A Ben Ali Yousef.
4. Talli qajjem rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmel offiza fuq il-persuna ta' Mohamed F.Mohamed Busharia u Fathi A Ben Ali Yousef.
5. U aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b'hajjat u glied.

Aktar talli kkommeta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati Malta preseduta mill-Magistrat Dr.S.Demicoli LL.D nhar id-19 ta' Awwissu, 2013 (u li regghat bdiet it-12 ta' Marzu, 2014), liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll li titratta ma' l-imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat l-artikoli 28B, 41(1)(a), 49, 50 214, 216, 218, 237, 238 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li l-ufficjal prosekutur irtira t-tieni imputazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni rtirat it-tieni imputazzjoni, il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu

u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-eta ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 28B, 37, 49, 50, 214, 216, 237, 238 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah sebgha (7) xhur prigunerija; in oltre u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28B(2)(b) qed testendi b'erbgha (4) snin mill-llum il-perjodu operativ tas-sentenza mghotija fil-konfront ta'l-imputat nhar id-19 ta' Awissu 2013 permezz ta'liema gie ikkundannat sentejn prigunerija sospiezi ghal erbgha snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------